MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Numru 294/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ppreżentat fis-17 ta’ Lulju 2007 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella tat-30 ta’ Marzu 1999, l-esponenti u l-konvenuta B ikkonkludew is-separazzjoni personali ta’ bejniethom, kopja ta’ liema kuntratt qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;

Illi miż-żwieġ tagħhom il-partijiet kellhom tifla, X li twieldet fl-14 ta’ Ottubru tas-sena 1998;

Illi *ai termini* tal-kuntratt surreferit, il-kura u l-kustodja tal-minuri ġiet fdata f’idejn il-konvenuta, bi dritt ta’ aċċess favur l-esponenti eżerċitabbli *ai termini* ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-istess kuntratt.

Illi madanakollu, l-esponenti m’għandux aċċess għall-istess tifla minuri u ilu ma jara lil bintu għal xhur sħaħ;

Illi *ai termini* ta’ l-Artikolu 6 ta’ l-istess kuntratt, l-esponenti obbliga ruħu li jħallas lill-konvenuta bħala manteniment għall-minuri s-somma ta’ ħmistax-il lira Maltin kull ġimgħa (Lm15.00);

Illi madanakollu, l-esponenti mhuwiex illum qiegħed f’ qagħda li jkun aktar obbligat iħallas manteniment għal bintu minuri, kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawża;

Illi fl-1 ta’ Marzu 2007, l-esponenti proċeda *ai termini* tal-Avviż Legali 397/2003 u talab lir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) sabiex jipproċedi *ai termini* ta’ l-Artikoli 4 *et seq* ta’ l-istess Avviż Legali;

Illi minkejja li saru diversi seduti quddiem il-medjatur Dr. Barbara O’Brien, il-partijiet ma laħqu l-ebda ftehim bejniethom, u dan kif jirriżulta mill-atti tal-medjazzjoni li jġibu n-numru #####

Illi permezz ta’ digriet tas-6 ta’ Lulju 2007, l-esponenti ġie awtorizzat sabiex jipproċedi b’kawża *ad hoc* quddiem din l-Onorabbli Qorti, kopja legali ta’ liema digriet hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;

Għaldaqstant, tgħid il-konvenuta għaliex din il-Qorti m’ għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi fl-interess suprem tal-minuri għandhom jiġu varjati l-provvedimenti kontenuti fl-Artikolu 5 tal-kuntratt ta’ separazzjoni in atti tan-Nutar

Dottor Nicholas Vella tat-30 ta’ Marzu 1999 hawn anness u mmarkat bħala Dok. A rigwardanti d-dritt ta’ aċċess ta’ l-attur A;

2. Tiffissa ġranet u ħin li fihom l-attur jkollu dritt ta’ aċċess għall-minuri X, u dan taħt dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

3. Tiddikjara illi l-esponenti m’għandux il-meżżi sabiex iħallas manteniment lill-martu għall-minuri X *ai termini* ta’ l-Artikolu 6 tal-kuntratt ta’ separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella tat-30 ta’ Marzu 1999 u in segwitu tiddikjara u tiddeċiedi illi l-esponenti m’ għandux ikun aktar obbligat iħallas tali manteniment lill-konvenuta B *ai termini* ta’ l-istess kuntratt;

4. Tiddikjara illi l-kunjom tal-minuri huwa A u mhux B u tordna lil konvenuta, bħala l-persuna li f’idejha hija fdata l-kura u l-kustodja tal-minuri X, sabiex tiddeżisti milli tuża l-kunjom B għall-istess minuri salv kif premess fil-liġi;

5. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti tikkunsidra opportuni fiċ-ċirkustanzi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta pprezentata fid-19 ta’ Settembru 2007 li permezz tagħha eccepiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet ta’ l-attur jigu michuda u respinti bl-ispejjeż kontra l-attur peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan in vista tal-fatt li ma kien hemm ebda bdil fiċ-ċirkostanzi li jimmeritaw il-kambjamenti rikjesti mill-attur;

2. Illi mhux minnu illi l-attur ilu ma jara lil bintu għal xhur sħaħ *stante* illi l-attur ilu ma jara lil bintu għal snin sħaħ u dan peress illi huwa qatt ma wera nteress sabiex jara lil bintu minuri. Infatti f’Awissu li għadda, *ossia* tas-sena 2007, it-tifla minuri għalqet ħames (5) snin mindu rat l-aħħar lil missierha;

3. Illi l-esponenti tiċħad kategorikament illi l-attur m' għandux aċċess għal bintu minuri u dan peress illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni datat tletin (30) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) pubblikat fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella, *ai termini* ta' l-Artiklu 5 l-attur għandu d-dritt ta' aċċess għal bintu minuri, liema dritt għandu jiġi eżerċitat kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa mis-sitta u nofs ta' fil-għaxija sat-tmienja ta' fil-għaxija (6:30pm – 8:00pm) u l-Ħadd mill-għaxra u nofs ta' fil-għodu (10:30am) sal-ħdax u nofs ta' fil-għodu (11:30am). Dan l-aċċess għandu jigi eżerċitat taħt superviżjoni u ċjoe' fil-preżenza ta' l-omm;

4. Illi sa ħames (5) snin ilu l-attur kien jiġi jara lil bintu kull nhar ta' Ħadd u kien idum magħha għal madwar siegħa biss;

5. Illi anke fil-perjodu fejn l-attur kien parzjalment jeżerċita d-dritt t'aċċess stabbilit favurih, kien hemm perjodu ta' madwar tmien (8) xhur fejn qatt ma kien imur jara lil bintu;

6. Illi l-assenza ta' l-attur fil-ħajja ta' bintu hija kompletament attribwibbli lill-attur stess u dan *stante* li qatt ma kien hemm xi rifjut min-naħa tal-konvenuta biex l-attur ma jarax lil jew ma jiltaqax ma' bintu;

7. Illi fil-verita' l-unika intenzjoni ta' l-attur sabiex ivarja l-aċċess huwa unikament sabiex jittenta jieħu lil bintu gewwa pajjiżu biex b'hekk bintu tkun tista' titrabba min-nanna tagħha li hija ta' nazzjonalita' barranija. Il-konvenuta taf b'dan kollu għax mhux l-ewwel darba li l-attur wera x-xewqa tiegħu li bintu titrabba ġewwa pajjiżu biex tkun tista' tħaddan l-istess kultura tiegħu. *Inoltre* jiġi rilevat illi l-attur m'għandu ebda rabta ma' Malta u dan huwa ċar ġjaladarba huwa ma għandu ebda familjari oħra hawn Malta. Ma għandu ebda proprjeta' immobiljari u iżjed minn hekk kif qed isostni fit-talbiet tiegħu lanqas għandu xogħol;

8. Illi llum-il ġurnata l-minuri X tħoss li hija m' għandha l-ebda relazzjoni ma' missierha u dan ġara

unikament minhabba l-aġir u n-nuqqas ta’ interess minn naħa ta’ l-attur kif ser jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża;

9. Illi llum-il ġurnata l-esponenti tirrileva illi huwa fl-interess suprem tal-minuri li l-aċċess jibqa’ superviżjonat minnha u dana minħabba li l-attur għandu problemi ta’ abbuż sew minn drogi kif ukoll minn alkoħol u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

10. Illi minkejja l-fatt li *ai termini* ta’ l-Artikolu 6 tal-kuntratt surreferit, l-attur obbliga ruħu li jħallas lil konvenuta bħala manteniment għall-minuri s-somma ta’ ħmistax-il lira Maltin (Lm15.00) kull ġimgħa, dan qatt ma seħħ u kienet dejjem il-konvenuta li pprovdiet għall-manteniment ta’ bintha minuri.

11. Illi *inoltre* ma kien hemm ebda bdil ta’ ċirkostanzi li jimmeritaw li jiġi varjat l-artikolu sitta (6) tal-kuntratt ta’ separazzjoni *ossia* li jinbidel l-ammont ta’ manteniment dovut għall-minuri X.

Salv eċċezzjonijiet ohra kemm-il darba jkun il-każ.

Rat l-atti proċesswali;

Rat l-affidavits ta’ l-attur.

Rat l-affidavits tal-konvenuta u ta’ ohrajn.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2005 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Kif jidher mir-rikors promotur l-attur qed jitlob modifika tal-kuntratt ta’ separazzjoni li l-partijiet ikkonkludew fl-1999 in atti Nutar Nicholas Vella u senjatament dawk li jirrigwardjaw l-aċċess tal-attur fir-rigward ta’ binthom minuri X u dawk li jirrigwardjaw il-manteniment li huwa patwit li jħallas għall- istess minuri.

Jidher ċar mill-ġbir tal-provi li matul il-perjodu 1999 – 2007 meta ġiet istitwita l-kawża l-attur kellu kuntatt sporadiku mal-minuri. Dan jista' kien ikkawżat minn nuqqas ta' interess da parti tiegħu u anke mill-mod kif il-konvenuta temgħet l-informazzjoni lil bintha fir-rigward ta' missierha. Għalhekk illum-il ġurnata l-minuri ma tridx tara lil missierha – kif xehdet is-*social worker* Ingrid Vassallo li qalet fis-seduta tat-28 ta' April 2008 li hija ma tkunx trid lanqas tidħol fil-bini tal-Aġenzija Appoġġ għal aċċess (peress li l-Qorti tat digriet fis-sens li għandu jkun hemm aċċess b'supervizjoni fil-bini tal-Aġenzija Appoġġ).

Fil-fehma tal-Qorti l-Avukat tat-tfal laqtet il-musmar fuq rasu meta kkonkludiet illi l-minuri ma għandhiex tiġi kostretta kontra l-volonta' tagħha li tara lil missierha għaliex dan għaliha llum huwa barrani għal kollox. Għal dan jaħti l-iktar l-attur li għal żmien twil (*circa* ħames snin) naqas li jipprova jagħmel kuntatt ma' bintu anke jekk wieħed jista' jimmaġina dak li qaltilha l-konvenuta lil bintha f'dan il-perjodu. Madankollu l-attur kien messu aġixxa qabel u mhux iħalli l-ferita tikber b'mod illi llum diffiċli li tiġi magħluqa. Il-Qorti ma tistax issa krudelment tħalli lill-minuri tgħaddi minn din it-trawma.

Fir-rigward tal-manteniment it-talba ta' l-attur hija għal kollox nieqsa minn fundament ġuridiku għaliex il-Qrati tagħna sa minn zmien Sir Adriano Dingli (Vol 9 paġna 463) dejjem irritenew illi manteniment iffissat minn kuntratt ta' separazzjoni ma jistax jiġi varjat, differentement minn dak iffissat mill-Qorti. Dan il-punt ġie konfermat diversi drabi anke per eżempju taħt il-presidenza ta' Sir Arturo Mercieca fis-26 ta' Ottubru 1937 fejn intqal illi l-leġislatur ried jagħti lis-separazzjoni personali konsenswali n-natura ta' veru kuntratt b'mod li l-pattijiet li jsiru fiha ma jistgħux jiġu mibdula mingħajr il-kunsens komuni tal-partijiet, il-klawsola dwar l-alimenti ma tistax tiġi modifikata mill-Qorti jekk ikun hemm oppożizzjoni minn waħda mill-partijet. (Vol 29.1.1121) Il-Qorti ma tħossx li għanda tissofferma iktar fuq dan il-punt fit-tul u tagħmel biss riferenza għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Alfred Grech vs Pauline Grech"** deċiża fis-16 ta' April 2004 fejn din il-

kwistjoni ġiet spjegata fit-tul. Hemmhekk il-Qorti filwaqt li kkonċediet li l-pożizzjoni tal-Qrati tagħna fir-rigward ma baqgħetx daqshekk riġida, ukoll ikkonkludiet li hemm differenza f'dan ir-rigward bejn manteniment miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni għal wieħed impost mill-Qorti. Il-Qorti tippuntwalizza wkoll illi l-principju *ad impossibilia nemo tenetur* ma japplikax fejn l-attur għalkemm disokkuppat xorta jipperċepixxi introjtu bħal fil-każ odjern u *oltre* dan l-obligu li wieħed imantni lil uliedu ma joħroġx mill-fatt li wieħed ikun jaħdem iżda mill-istess liġi – ara s-sentenza **"Tabone vs Tabone"** (Prim' Awla – 3 ta' Ottubru 2003). L-introjtu ta' l-attur mill-benefiċċji soċjali *sia pure* limitat, jippermettilu żgur li jħallas l-ammont żgħir ta' manteniment illi obbligat iħallas għal bintu.

Fir-rigward ta' l-użu tal-kunjom pero' l-attur għandu raġun u l-konvenuta ma għandha ebda dritt li tgħaddi lil bintha b' kunjom xbubitha waħdu għax hi separata. Il-liġi mkien ma tagħtiha dan id-dritt u anke jekk ma nġibux provi fir-rigward, il-konvenuta ukoll ma rribattiet imkien din it-talba, a skans ta' nuqqas ta' ftehim il-Qorti se tilqa' din it-talba. Jekk il-konvenuta tħoss li għamlet żball li żżewġet lill-attur u kellha l-wild mingħandu issa m'għandha ebda dritt tinterpreta l-liġi kif trid hi fir-rigward ta' dik il-wild fejn jidħol kunjomha.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta (ħlief kif se jingħad) u tiċħad l-ewwel tlett talbiet; tilqa' pero' għal kull buon fini ir-raba' talba.**

**Spejjeż ikunu kwantu għal tlett kwarti a kariku ta' l-attur u kwart a kariku tal-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------